PR202240

**11/11/2020**

# STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MILL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA Lista ta' pajjiżi identifikati

Regolamenti tal-2020 dwar Ittestjar Mandatorju ta' Ċertu Vjaġġaturi

Il-Ministru responsabbli mis-Saħħa Pubblika jgħarraf li, bis-saħħa tal-artikolu 2 (1) tar-Regolamenti tal-2020 dwar Ittestjar Mandatorju ta' Ċertu Vjaġġaturi, qed tiġi riveduta l-lista ta' pajjiżi li tissemma fl-istess regolamenti. Kull vjaġġatur li jiġi minn xi pajjiż elenkat fil-lista riveduta ta' pajjiżi indikati hawn taħt għandu jipprovdi PCR COVID-19 test negattiv magħmul mhux aktar minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel il-wasla tiegħu f'Malta.

Vjaġġaturi ġejjin f'Malta minn xi wieħed fost dawn il-pajjiżi li jonqsu milli jipproduċu dan it-test, jistgħu jkunu sottomessi għall-ittestjar f'Malta u jistgħu jkunu soġġetti għall-kwarantina.

Lista Riveduta ta' Pajjiżi;

Awstrija
Belġju (l-ajruporti kollha)
Bulgarija
Franza (l-ajruporti kollha)
Ġermanja (l-ajruporti kollha)
Irlanda (l-ajruporti kollha)
Italja (l-ajruporti kollha f'Milan u Ruma, u Bologna, Napli, Perugia, Pescara, Pisa, Trieste, Turin, Venezja)
Lussemburgu
Olanda (l-ajruporti kollha)
Polonja (l-ajruporti kollha)
Portugall (Porto)
Renju Unit (Belfast, Birmingham, Cardiff, Edinburgh, Leeds, Liverpool, Manchester, Newcastle, Nottingham)
Repubblika Ċeka
Spanja (l-ajruporti kollha)
Svizzera (l-ajruporti kollha)
Tuniżija
Ungerija

Dan l-avviż dwar il-lista riveduta ta' pajjiżi ser jidħol fis-seħħ il-Ġimgħa, 13 ta Novembru f'nofs il-lejl.